MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 416/2007

**C. Chircop Limited**
**(C 13537)**

**Vs**

**Raymond Zerafa (ID 740362 M) u Loreto sive Lorry Borg (ID 514471 M) maghruf ukoll bhala Ronnie personalment kif ukoll ghan-nom tal-kumpanija tal-Karnival Carnival Creations Group C.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta` Mejju, 2007 fejn gie mitlub li l-konvenuti ghandhom jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija, disa` u hamsin lira (Lm859), rapprezentanti fornitura ta` ghodda u ironmongery goods debitament mibjugha u konsenjati lill-istess konvenuti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` mandat ta` sekwestru nru 1029/07 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-

notifika ta` dana l-att kontra l-konvenuti jew min minnhom li jibqghu minn issa ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Raymond Zerafa datata 22 ta` Mejju, 2007, fejn allega li huwa qatt ma xtara oggetti minghand l-attur tal-valur mitlub u fil-fatt anke talab prova ta` dan Dok. RZ 1 u kwindi ghalhekk ma ghandu jbaghti ebda spejjez.

B’riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta tal-konvenut Loreto Borg datata 25 ta` Mejju, 2007, fejn jinsisti li huwa ma ghandux ihallas is-somma kollha u di fatti gia` hemm depozitat il-Qorti, s-somma ta` Lm600 tramite l-Kunsill Malta ghall-Kultura u l-Arti. Illi anqas ma ghandu jbaghti l-ispejjez ta` dina l-kawza peress illi t-tort kollu kien tal-konvenut l-iehor, Zerafa. Illi di piu` ma tezisti ebda solidarjeta` bejn il-konvenuti u kwindi ma ghandhiex tinghata sentenza f’dan is-sens.

Bl-ispejjez.

Ezamina l-provi migjuba nkluz id-dokumenti ezebiti.

Ha nota tal-verbal maghmul fis-seduta tal-11 ta` Ottubru, 2007.

Sema` t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.
Illi l-provi migjuba mis-socjeta` attrici jikkonsistu fi tliet affidavits maghmula minn Carmel Chircop, Kevin Bonnici u Mark Saliba. Illi mill-provi l-ohra prodotti da parti tal-konvenuti rrizulta li s-socjeta` attrici tassew kellha tithallas l-ammont minnha ndikat f’dan l-avviz u l-kwistjoni tal-konvenuti pjuttost kienet bejniethom milli fil-konfront tas-socjeta` attrici.

Illi tajjeb li jigu notati pero` diversi fatti rilevanti li johorgu minn dawn l-affidavits:-

1. Kienu z-zewg konvenuti li talbu li jifthu kont mal-hanut fis-sens li jibdew jixtru l-oggetti u jhallsu fl-ahhar;
2. Illi ebda hlas ma kien sar peress li z-zewg konvenuti ggieldu bejniethom;
3. Iz-zewg konvenuti kienu jmorru fil-hanut tas-socjeta` attrici sabiex jixtru oggetti konnessi mal-karru tal-Karnival;
4. L-invoices kollha MS 1 sa MS 19 jinsabu ffirmati minn wiehed jew l-iehor mill-konvenuti.

Il-konvenut Borg jikkonferma li huwa u Zerafa kienu ftiehmu ma` l-attur sabiex jixtru oggetti ghall-karnival minghandu bid-dejn u jhallsuh fl-ahhar mill-isponsors li jigbru. Ma gabrux bizzejjed u kwindi ppjana li jhallas bil-premju tal-flus li rebhu pero` l-konvenut Zerafa ma accettax u spicca biex irrifjuta li jiffirma c-cheque tal-premju favur ta` l-attur.

Il-konvenut Zerafa wkoll jikkonferma li xtraw diversi oggetti ghall-karru minghand l-attur pero` jikkontendi li nxtraw ukoll affarijiet ohra ghal hut li jinsab f'idejn il-konvenut l-iehor, Borg u kwindi ghalhekk mhux il-kont kollu kellu jithallas mill-kumpanija tal-Karnival. Huwa jikkontendi li c-cheque ta` €1,397.62 (Euros) gia Lm600, ghandu jiehdu kollu hu peress illi kkalkola li kellu jiehu minghand shabu tal-karnival madwar €2,329.37 (Euros) gia Lm 1,000.

Ix-xhud Brian Bonnici kkonferma li l-ftehim ma` l-attur kien sar tramite z-zewg konvenuti u li s-socjeta` attrici baqghet ma thalsitx.

Illi ghalhekk kif jirrizulta ampjament mill-provi prodotti, l-kont li nfetah miz-zewg konvenuti mas-socjeta` attrici, liema kont huwa l-meritu ta` dina l-kawza, baqa` ma thallasx sal-gurnata ta` llum minhabba d-disgwid li nqala` bejn iz-zewg konvenuti u t-Tribunal huwa tal-fehma li ma hux il-kompitu tieghu f'din il-procedura li joqghod jidhol f'tali disgwid stante li gie ppruvat li l-imsemmi kont kien infetah bejn iz-zewg konvenuti flimkien.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati miz-zewg konvenuti, kwindi jilqa` t-talba

attrici fil-konfront taghhom it-tnejn u konsegwentement jikkundanna liz-zewg konvenuti solidalment bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta ta` €2000.93 (Euros) gia Lm859, oltre l-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta` dan l-avviz filwaqt li l-ispejjez kollha ta` din l-istanza ghandhom ikunu a karigu taz-zewg konvenuti f'sehem indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------